**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 18 ta' Frar 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 46/2020**

**Atlas Insurance PCC Limited u Islander Limited**

**vs**

**Stuart Property Development Limited u**
**b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2020**
**Dr Fransina Abela u P.L. Liliana Buhagiar**
**gew nominati kuraturi pendente lite sabiex jirraprezentaw**
**lis-socjeta intimata Stuart Property Development Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjetajiet rikorrenti tat-22 ta' Settembru 2020 li jghid hekk:

Illi l-esponenti huma azzjonisti tal-kumpannija intimata billi s-socjeta esponenti Atlas Insurance PCC Limited ghandha hamsin (50) Ordinary A Shares b'valur nominali ta' €2.329373 ghal kull sehem, fully paid up, kif ukoll ghandha elf u hamsin (1,050) Ordinary C Shares b'valur nominali ta' €2.329373 ghal kull sehem, fully paid up waqt li s-socjeta esponenti Islander Limited ghandha hamsa u ghoxrin (25) Ordinary B Shares b'valur nominali ta' €2.329373 ghal kull sehem, fully paid up, kif ukoll ghandha seba' mija hamsa u sebghin (775) Ordinary C Shares b'valur nominali ta' €2.329373 ghal kull sehem,fully paid up.

Illi l-azzjonisti l-ohra tal-kumpannija intimata hija s-socjeta 888 Limited (C-35762).

Illi kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri, il-kumpannija intimata ghandha tkun xjolta ghaliex ma ghandhiex diretturi u ilha hekk minghajr diretturi ghal

aktar minn sitt (6) xhur, bi ksur tal-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif ser jigi ppruvat ukoll waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, hemm ukoll ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija intimata a tenur tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-istess Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant is-socjetajiet esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti illi, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li jirrizultaw il-fatti u cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li jezistu wkoll ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija intimata skont l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-istess Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tal-kumpannija intimata a tenur tal-Artikolu 214(2)(b)(ii) u/jew tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tahtar stralcjarju bis-setghat kollha li jehtieg sabiex jikkonduci l-istralc kif irid il-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u b'riserva ghal kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjetajiet esponenti.

Rat ir-risposta tal-kuraturi li tghid hekk:

Illi permezz ta’ digriet datat 3 ta’ Dicembru 2020 huma gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjata Stuart Property Development Limited;

Illi fil-kwalita taghhom ta’ kuraturi deputati huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u f’dan l-istadju jitolbu lill-atturi kopja tal-Memorandum & Articles of Association tas-socjeta intimata.

Illi ghaldaqstant qed jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghal provediment.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn qed issir talba ghal ordni ta’ xoljiment u istralc konsegwenti tal-kumpanija intimata skont l-artikolu 214 tal-Kap. 386. It-talba qed issir mis-socjetajiet rikorrenti bhala azzjonisti tal-kumpannija intimata u dan huwa permissibbli ai termini

tal-artikolu 218(1)(c) tal-Kap. 386. Fil-artikolu 214(2)(b), il-ligi telenka liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti tista' ixxolji kumpanija u tordna l-istralc taghha u fil-kaz odjern, is-socjetajiet rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq is-subincizi (ii) u (iii).

L-artikolu 218(1) jipprovdi:

> 218(1) Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal –
> (a) stralc ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);
> (b) xoljiment u stralc ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew
> (c) xoljiment u stralc ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),
> ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:
> Izda rikors skont il-paragrafi (b) jew (c) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.

L-artikolu 214(2)(b)(ii) u (iii) jaqraw hekk:

> 214(2) Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu (1) –
> (b) kumpanija ghandha tkun xolta bil-qorti fil-kazijiet li gejjin –
> (ii) in-numru ta' diretturi jkun nizel ghal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur;
> (iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija;

Mill-Memorandum of Association u l-Articles of Association tas-socjeta intimata Stuart Property Development Limited jirrizulta li s-socjetajiet rikorrenti huma azzjonisti taghha (klawsola 7), allura ghandhom locus standi sabiex jippromwovu l-azzjoni.

Ghal fini tal-artikolu 214(2)(b)(ii) trid issir il-prova li n-numru ta' diretturi jkun nizel ghal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur.

Dr Claudette Fenech, rapprezentanta tal-Malta Business Registry, xehdet li l-kumpanija intimata ma ghandhiex diretturi b'effett minn Awwissu 2018 (fol. 26), u Dok. CF1 (fol. 36) minnha ipprezentat juri:
i. is-segwenti rizenji ta' diretturi mill-kumpanija intimata ta':

-Michael Gatt, direttur u legal and judicial representative b'effett mill-1 ta' Awwissu 2018;
-Mark Camilleri, direttur, u legal and judicial representative, u segretarju b'effett mill-1 ta' Awwissu 2018;
-Michael Sciortino, direttur u legal and judicial representative b'effett mis-27 ta' Ottubru 2017;
-Anthony Spiteri, direttur u legal and judicial representative b'effett mill-20 ta' Jannar 2015.

ii. li l-ahhar audited accounts prezentanti mis-socjeta intimata fir-registru tal-kumpaniji kienu dawk tas-sena 2015;

Mark Camilleri, ex direttur tal-kumpanija intimata, xehed li l-kumpanija intimata giet iffurmata bl-iskop li tixtri u tizviluppa proprjeta fi Stuart Street, Gzira, liema progett partikolari intemm fl-2016. Xehed ukoll li ma kienx hemm diretturi biex jiffirmaw l-annual accounts tal-kumpanija ghax kienu irrezenjaw (fol. 37 sa 39).

Il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li mill-provi mressqa jirrizulta li l-gestjoni tal-kumpanija intimata ilha li intemmet mill-anqas mill-2016, u li l-istess kumpanija ilha tinsab minghajr diretturi sa mill-1 ta' Awwissu 2018, u dan kontra dak definit mill-artikolu 214(2)(b)(ii).

Ghalhekk il-Qorti hi sodisfatta bil-prova li ingiebet dwar l-ewwel talba u qed tigi milqugha.

Is-socjetajiet rikorrenti qeghdin jikkontendu wkoll illi l-kumpannija intimata ghandha tigi xjolta u stralcjata abbazi tal-artikolu 214(2)(b)(iii), jekk *il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija*.

Inghad fil-kawza **Maurice Camilleri et vs Frederick Frendo noe et**, (PA 04/07/2003):

> is-sinifikat ta' dan l-artikolu (li fiz-zmien tas-sentenza citata kien regolat bil-Kap. 168 artikolu 150(g) illum imhassar) huwa car u jhalli diskrezzjoni wiesa' f'idejn il-Qorti biex tiddetermina jekk jezistux cirkostanzi li jistghu jitqiesu "gravi bizzejjed" biex iwasluha li tiddeciedi favur ix-xoljiment ta' kumpanija. X'jikkostitwixxi "ragunijiet gravi" l-ligi ma tghidilniex, u ghalhekk dan irid jigi determinat mill-Qorti a bazi tal-apprezzament li hi taghmel tal-fatti kollha tal-kaz.

Il-Qorti tqis li l-fatt li l-kumpanija intimata ilha minghajr diretturi sa mill-2018 hi raguni gravi bizzejjed li tiggustifika x-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija Stuart Property Development Limited.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet maghmula,

Tilqa' l-ewwel talba fir-rigward tal-kumpanija intimata Stuart Property Development Limited billi jirrizultaw ippruvati r-rekwiziti tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386;

Tilqa' t-tieni talba billi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija intimata Stuart Property Development Limited ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386;

Tilqa' t-tielet talba u tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Stuart Property Development Limited b'effett mil-lum skont l-ewwel proviso tal-artikolu 223(1) tal-Kap. 386;

Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u bid-dmirijiet kollha li huma stabbiliti fil-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bla hsara ghall-generalita tas-setghat u tad-dmirijiet, tordna lill-istralcjarju sabiex:

1. wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpanija intimata kif irid l-artikolu 226 tal-Kap. 386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-artikolu 227 tal-Kap. 386;
2. jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun;
3. jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija intimata jekk ezistenti kif ighid u jrid l-artikolu 237 tal-Kap. 386;
4. jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpanija intimata;
5. jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpanija intimata;
6. jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard mit-30 ta' April 2021.

B'applikazzjoni tal-artikolu 236(2) tal-Kap. 386, tordna li l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpanija intimata u l-ispejjez l-ohra tal-istralc jithallsu mis-socjetajiet rikorrenti.

Thalli l-istralc ghall-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021 fid-9.15am.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur